



Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8198/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)**

CODEC 594	COAFR 121
CADREFIN 237	COASI 65
FIN 354	CORLX 262
POLGEN 68	COHOM 86
ACP 41	ECOFIN 429
COEST 101	ASIM 28
MAMA 81	MIGR 87
DEVGEN 92	ATO 33
COLAC 32	

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 209, 212 u 322(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018³.

¹ 10148/18 + ADD 1.

² ĠU C 110, 22.3.2019, p. 163–170

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 295–309.

4. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fit-13 ta' Diċembru 2018⁴.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Marzu 2019⁵.
6. Fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi.
7. Sussegwentement, fit-18 ta' Marzu 2021 il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) u l-Kumitat għall-Iżvilupp (DEVE) tal-Parlament Ewropew ikkonfermaw il-qbil proviżorju u l-Presidenti tagħhom bagħtu ittra fid-19 ta' Marzu 2021 lill-President tal-Coreper fejn iddikjaraw li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument 6879/21 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 6879/21 ADD 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bl-Ungerija tastjeni;
 - japprova d-dikjarazzjoni tal-Kunsill, kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni tal-Kunsill, kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, u d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif jinsabu fl-Addendum 2 għal din in-nota, jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa u jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-Addendum 3 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

⁴ ĠU C 45, 4.2.2019, p. 1-18.

⁵ 7801/19.

9. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454⁶, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel id-29 ta' Mejju 2021.
-

⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16).